**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 318/2020PM1**

**Dr. Malcolm Mifsud (405168(M)) u Dr. Cedric Mifsud (196979(M))**

**Vs**

**Kuraturi deputati ghall-assenti Will Raedle (Passaport Amerikan numru 483855808)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Dicembru, 2020 permezz ta' liema l-atturi talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal jahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Will Raedle fl-atti ta' din il-kawza u l-atti kollha sussegwenti u relatati u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u ghoxrin euro (€520) rapprezentanti spejjez akkumulati mill-istess konvenut illi ghadhom ma thallsux ; bl-ispejjez.

Ra t-talba tal-atturi ghall-hatra ta' kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti f'dawn l-atti u l-atti kollha sussegwenti u relatati u li permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar, 2021 it-Tribunal laqa' t-talba.

Ra r-risposta ta' Dr. Jason Grima bhala kuratur tal-assenti Raedle Will permezz ta' liema gie eccepit :

1. Illi l-attur ghandu jindika x'dettalji ghandu tal-intimat stante li allegatament l-attur ta servizz legali lill-intimati rigward ishma tal-intimat gewwa kumpanija Maltija
2. Illi l-attur ghandu jindika min hi din il-kumpanija u l-indirizz taghha
3. Illi f'dan l-istadju l-esponenti ma hux edott mill-fatti u ghallhekk jirriserva li jipprezenta risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri jekk ikun il-kaz.
4. Illi huwa l-attur li ghandu l-piz tal-prova u cioe` huwa jrid iressaq dawk il-provi li jikkonvinci lil dan it-Tribunal li verament ta s-servizz tieghu lill-intimat u li ma thallasx ta' dan is-servizz.

Ra n-nota datata 23 ta' Gunju, 2021 li permezz taghha l-attur Dr. Malcolm Mifsud prezenta l-affidavit tieghu.

Ra li waqt l-istess seduta l-istess attur Dr. Mifsud ghadda lill-kuratur id-dettalji tal-konvenut assenti sabiex ikun jista' jsir kuntatt mieghu.

Ra li waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 Dr Grima informa lit-Tribunal li kien qed ikollu problemi sabiex jikkomunika ma l-istess konvenut u dan anke wara li sahansitra baghatlu kopja tal 'warrant'.

Ra d-dikjarazzjoni mhux mahlufa li l-konvenut ghadda lil Dr Grima permezz tal-email kif verbalizzat waqt l-istess seduta tat-8 ta' Lulju, 2021.

Ra wkoll il-korrispondenza bejn Dr. Grima u l-konvenut assenti.

Ra li l-kawza baqghet differita ghad-decizjoni ghas-seduta tal-lum

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza li tirrigwardja talba ghall-hlas ta' servizzi legali prestati mill-istess atturi lill-konvenut assenti.

Illi permezz tar-risposta tal-kuraturi debituri, lilhinn mill-eccezzjonijiet preliminari li gew sorvolati permezz tal-informazzjoni mghoddija waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2021, gie eccepit li l-atturi ghandhom iressqu provi sufficjenti ghall-konvinciment morali tat-Tribunal.

Illi fil-fatt jidher li l-kuratur deputat irnexxielu jikkomunika permezz ta' *emails* mal-istess konvenut assenti imma l-komunikazzjoni mieghu ma kenitx wahda pozittiva tant illi l-istess kuratur gie sahansitra mitlub jibghat kopja tal-warrant tieghu bhala avukat (oltre provi tal-identita` tieghu) u sal-ahhar il-konvenut baqgha jikteb li qed jiddubita minn dak li kien qed jigi kkomunikat lilu. In adempiment mal-inkarigu tieghu l-istess kuratur deputat ezebixxa dokumenti li gie eventwalment mibghut lilu mill-istess intimat assenti liema dokument jikkontjeni dikjarazzjoni tal-istess intimat. Tali dikjarazzjoni ma gietx iffirmata u lanqas ikkonfermata bil-gurament jew b'mod iehor solenni.

Illi, permezz tal-affidavit tieghu, l-attur Dr. Malcolm Mifsud ifisser kif il-konvenut ghamel kuntatt mieghu permezz ta' komunikazzjoni elettronika fejn huwa talab pariri ta' natura legali. Skont l-istess affidavit l-attur wiegeb ghall-istess *email* billi pprovda l-parir mitlub liema parir gie utilizzat mill-istess konvenut :

> « *I had read the documents he had attached. I consulted myself with the Companies Act and drafted the reply that he was asking for. On 5 August 2020 I received another email from Mr. Readle, in which there was a 10 page attachment and thread of emails he had with a company he is involved in. He was seeking further advice. On 13 August 2020 I received another email from Mr. Readle with 5 attachments with a (sic) totalling 49 pages. I replied to his email on 18 August, 2020. (…) On 3 September, 2020 my office sent an email*

*with an invoice of €500 for professional fees. This represents 2 sets of emails with voluminous attachments. He received the legal service he asked for.* »

Illi Dr. Mifsud ifisser kif, sabiex irendi tali servizz legali, huwa kellu jaqra dokumentazzjoni pjuttost voluminuza mibghutha lilu mill-istess konvenut u jwettaq ricerka legali.

Illi huwa car li l-atturi huma intitolati li jithallsu ghas-servizzi prestati minnhom. Fuq kollox huwa l-istess konvenut li, permezz tad-dikjarazzjoni tieghu, jikkonferma li huwa effettivement ghamel kuntatt mal-ufficju tal-atturi u talab pariri legali : « *Readle was initially directed by his secretary to send the question by email in May* ».

Illi jidher li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet qamu wara li l-atturi hargu l-kont ghas-servizzi taghhom. Skont l-affidavit ta' Dr. Malcolm Mifsud, l-intimat baghat *email* fejn ittermina r-relazzjoni tieghu mal-atturi u irrifjuta li jhallas il-kont mahrug lilu. Tali rifjut huwa wkoll konfermat mill-istess intimat tramite d-dikjarazzjoni tieghu fejn huwa jikkontendi li ma rceviex servizzi minghand l-atturi.

Jidher ukoll, skont il-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet, li l-konvenut ghamel tentattiv sabiex jikkontesta tali kont anke fi hdan il-Kamra tal-Avukati. Hekk illi l-konvenut jistqarr permezz tad-dikjarazzjoni tieghu li : « *Readle has refused to be bullied by Malcolm's threats and filed an Ethics complaint on November 13 with the Chamber of Advocates* ». L-istess attur Dr. Malcolm Mifsud, permezz tal-affidavit tieghu, ukoll jirreferi ghal tali procedura imma jghid ukoll illi l-ilment tal-konvenut gie wkoll michud : « *This complaint was turned down on 17 November, 2020.* »

Illi tenut kont tas-surreferit jirrizulta car li effettivament l-atturi kienu gew ingaggjati mill-konvenut sabiex jipprovdu parir ta' natura legali bil-miktub. Jidher li f'dan ir-rigward inbaghtet korrispondenza lill-atturi mill-istess intimat b'domanda li huwa kien jehtieg risposta ghaliha. Jidher li dan is-servizz gie effettivament rez tant illi l-intimat utilizza r-risposta moghtija lilu mill-atturi f'korrispondenza sussegwenti. Huwa car allura li l-atturi huma intitolati ghall-hlas ghal dan is-servizz prestat. Dwar l-entita` tal-hlas dovut

it-Tribunal ihoss li, gjaladarba l-kwistjoni bejn il-partijiet diga` giet reza a konjizzjoni tal-Kamra tal-Avukati li, skont ix-xhieda inkontestata tal-attur, cahdet l-ilment imressaq, m'huwiex mehtieg li t-Tribunal jinoltra ruhu fi kwistjonijiet ulterjuri koncernanti jekk tali mizata kenitx wahda eccessiva jew le. Apparti li ma tressqet ebda eccezzjoni f'dan is-sens, ma jidhirx li l-Kamra tal-Avukati ikkunsidrat tali mizata bhala wahda eccessiva meta cahdet l-ilment tal-konvenut. Hekk ukoll, mill-provi prodotti, irrizulta li l-atturi wettqu ricerka u flew ghadd ta' dokumenti pjuttost voluminuzi sabiex ikunu jistghu jaghtu l-parir legali taghhom li l-valur tieghu jinsab ukoll pruvat mill-fatt li l-intimat stess ghadda sabiex jutilizzah fil-korrispondenza tieghu u jerga' jfittex is-servizzi tal-istess atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-atturi irnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom skont kif mehtieg mil-ligi u li wkoll ma jezistux ragunijiet li jistghu jiggustifikaw il-mankat pagament min-naha tal-konvenut, anke wara li giet ikkunsidrata d-dikjarazzjoni tal-istess konvenut. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba attrici ghall-hlas.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-kuratur deputat, qieghed jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici stante li din tinsab diga` deciza u sorvolata permezz tad-digriet datat 18 ta' Jannar, 2021, konsegwentement jilqa' t-talba attrici rimanenti u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess atturi s-somma mitluba ta' hames mija u ghoxrin euro (€520) rapprezentanti servizzi legali prestati mill-istess atturi lill-konvenut bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**